***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 371 tat-Tnejn, 4 ta' April 2016, dwar il-każ imqajjem fis-Seduta 369 tas-16 ta' Marzu 2016 mill-Onor. Godfrey Farrugia fir-rigward tal-preżenza ta' ġurnalisti barra l-binja tal-Parlament**

Fis-Seduta 369 tas-16 ta' Marzu 2016 l-Onor. Godfrey Farrugia ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-rigward tal-preżenza ta' ġurnalisti barra l-binja tal-Parlament. Nikkwota:

> **"ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Sur President, nixtieq inqajjem ilment. Nemmen ħafna fid-dritt tal-espressjoni, nemmen ħafna li dan il-Parlament ikun qrib iċ-ċittadin imma nitlob lis-Sedja tipproteġi mhux lill-Membri biss tan-naħa tal-Gvern imma anke lill-Membri tan-naħa tal-Oppożizzjoni, tipproteġi lill-Membri tal-Parlament waqt li jkunu fil-perimetru tal-Parlament. Jien nara li l-linja ta' demarkazzjoni fejn ikun hemm il-*press* mhijiex waħda ċara bħalma kellna n-naħa l-oħra meta konna l-Palazz il-Belt. Allura sforz l-entużjażmu tal-ġurnalisti jiġri li huma jiċċaqalqu minnha diversi metri kważi anke jilqgħuk fit-taraġ, inti u nieżel biex tidħol fil-perimetru tal-Parlament. Jien nirringrazzja lill-ġurnalisti għal ħidmiethom u għal xogħolhom imma anke ġbidt l-attenzjoni tal-pulizija jien u dieħel, li ħidmiethom hija biex jaraw li l-ġurnalisti joqogħdu f'dik il-kaxxa li m'hemmx lanqas linja tagħha. Għaldaqstant jien, għalkemm nirringrazzja lill-ġurnalisti, nixtieq li kull Membru li jikkummenta jew ma jikkummentax ikollu ċ-ċans li lill-ġurnalist ikellmu fil-kaxxa li tkun indikata b'mod ċara fejn il-ġurnalist u l-*cameraperson* għandu jkun. Grazzi.
>
> **MR SPEAKER:** Inti taf li l-post huwa miftuħ jiġifieri dak li hu pubbliku ma jistax ikollna kontroll fuqu però l-ilment tiegħek se nivverifikah. Nirringrazzjak."

Is-Sedja rat is-subinċiż (d) tal-paragrafu (4) tal-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) li jgħid li jkun reat kontra dan l-Att:

> "kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;"

Is-Sedja wkoll aċċertat ruħha li l-ispazji li preżentement huma allokati għall-*media* huma delineati fuq l-istess sistema li kienet bdiet tintuża meta l-Parlament kien għadu sitwat fil-Palazz tal-Gran Mastri u wara r-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 399 tal-31 ta' Ottubru 2011.

Finalment is-Sedja rreferiet għall-filmati tas-CCTV relattivi minn fejn irriżulta li filwaqt li l-*cameraperson* baqa' fl-arja delineata għall-*media*, il-ġurnalist jidher li resaq lejn l-Onorevoli Membru li kien nieżel mit-taraġ li hemm mal-ġenb tas-Sur ta' San Ġakbu li jwassal lill-Membri Parlamentari mill-parkeġġ tal-Parlament sal-bini tal-Parlament innifsu. Mill-istess filmat joħroġ li hekk kif l-Onorevoli Membru u l-ġurnalista kienu resqin lejn l-entratura tal-Parlament, il-ġurnalist ħa postu flimkien mal-*cameraperson* fl-arja delineata għall-*media*, u dan kollu waqt li kien qed jipprova jieħu l-kummenti tal-Onorevoli Membru.

Mill-istess filmati is-Sedja rriżultalha wkoll li l-pulizija li kienu fuq il-post ma kellhomx għalfejn jintervjenu għaliex l-Onorevoli Membru ma deherx li kien qed jiġi ostakolat b'xi mod.

Għaldaqstant, is-Sedja qiegħda tikkonkludi li ma jirriżultax li hemm biżżejjed elementi li jammontaw għal xi ksur ta' regolamenti jew li jiġġustifikaw xi intervent min-naħa tal-istess Sedja.

Is-Sedja ttenni dak li qalet fir-*ruling* tagħha fis-Seduta 277 tas-16 ta' Ġunju 2015 li peress li l-ispazju ta' madwar il-Parlament huwa aċċessibbli għall-pubbliku, mhuwiex possibbli li wieħed jirrestrinġi lill-ġurnalisti milli jużaw dan l-istess spazju pubbliku, dejjem ovvjament sakemm ma jkunx manifest li l-Membru jkun qed jiġi mfixkel b'mod li jinkwadra ruħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 113. L-unika parti li s-Sedja tista' tikkontrolla huma d-daħliet tal-Parlament u kien għalhekk li s-Sedja kienet ħadet il-passi sabiex dawn ikunu delineati b'numru ta' *bollards* kemm ħdejn il-blokk amministrattiv kif ukoll ħdejn il-blokk fejn hemm is-sala tal-Parlament, b'tali mod li jkun hemm indikazzjoni ċara sa fejn jistgħu jaslu l-membri tal-*media* fil-viċinanza immedjata ta' tali daħliet.

Sakemm l-ispazju ta' madwar il-bini tal-Parlament jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku, is-Sedja daqshekk tista' tagħmel u xejn aktar.

Madankollu s-Sedja qiegħda wkoll din id-darba tieħu l-okkażjoni sabiex tfakkar lill-membri tal-*media* biex jaraw li jibqgħu jirrispettaw dawn iż-żoni riżervati u li bl-ebda mod ma jostakolaw lill-Membri Parlamentari waqt li jkunu deħlin jew ħerġin mill-bini tal-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.